# Pass pass biex insir qaddis

sem&u

Diċembru 2020
Ħarġa nru 16

***Is-Seminarju u Int***
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

Kull mgħammed huwa msejjaħ sabiex jgħix ħajja qaddisa. F'xiex tikkonsisti l-vokazzjoni universali għall-qdusija? U kif tista' tiġi mwettqa? Ħafna drabi aħna naħsbu li l-qdusija hija biss għal dawk li għandhom l-opportunità li jinqatgħu mill-affarijiet ta' kuljum sabiex jiddedikaw lilhom infushom biss fit-talb. Il-qdusija tinsab preċiżament f'li tgħix b'imħabba u b'sens ta' offerta lejn Alla u lejn l-oħrajn.

*Mill-Udjenza Ġenerali ta' Papa Franġisku, 19 ta' Novembru 2014.*

Hemm tliet elementi importanti fil-ħajja ta' kull Nisrani tajjeb: l-Ewkaristija, l-Kelma ta' Alla u l-karità.

## L-1 PASS: **L-EWKARISTIJA**

### X'tgħidilna l-Bibbja?

"Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja." *Ġw 6: 51*

### Mill-ħajja ta' Santa Tereża ta' Kalkutta

Santa Tereża kellha mħabba straordinarja lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Kienet tgħid li kieku ma kinitx titlob lil Ġesù fl-Ewkaristija, ma kinitx tagħmel il-ħidma kollha li wettqet favur il-foqra. Infatti, l-kongregazzjoni tal-Missjunarji tal-Karità, li hi waqqfet, barra l-quddiesa jagħmlu wkoll siegħa adorazzjoni kuljum.

- "L-adorazzjoni tas-Sagrament Imqaddes hija l-isbaħ ħin li tista' tqatta' f'din id-dinja."
- "Meta tħares lejn il-kurċifiss, tifhem kemm Ġesù ħabbek. Meta tħares lejn l-Ostja Mqaddsa, tifhem kemm Ġesu jħobbok issa."
- "Jekk qed tfittex il-vokazzjonijiet, bħala komunità agħmlu l-adorazzjoni ta' kuljum. Meta l-Missjunarji tal-Karità bdew l-adorazzjoni ta' kuljum, il-vokazzjonijiet tagħhom irdoppjaw."

### X'nista' nagħmel jiena?

- ☐ Insib ħin biex nipparteċipa b'mod regolari fil-quddiesa.
- ☐ Immur għall-quddiesa ftit ħin qabel biex nilħaq nipprepara ruħi tajjeb.
- ☐ Insib ftit minuti biex nadura lil Ġesù fl-Ewkaristika.

## *Il-Komunità tas-Seminarju...*

Tagħti merħba lid-direttur spiritwali l-ġdid, **Patri Anthony Calleja SJ**, u lis-seminarista l-ġdid, **Wallace Camilleri** mill-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Tifraħ mal-**Em.T. Mons. Mario Grech**, Isqof Emeritu ta' Għawdex, fil-ħatra tiegħu ta' Kardinal mill-Q.T. Papa Franġisku.

Tirringrazzja lilkom, il-benefatturi, għall-għajnuna materjali u spiritwali tagħkom. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.

# Biża' li twassal għar-responsabbiltà

## OMELIJA TA' MONS. ISQOF FIL-BIDU TAS-SENA TAL-FORMAZZJONI



Ilkoll ninħakmu mill-biża' u xi drabi forsi nirreaġixxu skont il-biża'. Jista' jkun li l-biża' tagħna hu li ma jkollniex vokazzjonijiet.

Kien hemm persuna li kienet taħdem ħafna għall-vokazzjonijiet, is-Salesjan Don Giovenale Dho. Fl-1966, dan għamel laqgħa kbira ġewwa l-Italja u pprova jbiddel ftit il-perċezzjoni li għandna tal-vokazzjonijiet. Sa dakinhar il-problema kienet: kemm se nirrekrutaw, kemm se ndaħħlu magħna, kemm se nżidu fin-numru tal-persuni, li jagħtu lilhom infushom lil Alla fil-ħajja tas-saċerdozju u fil-ħajja reliġjuża. Don Giovenale Dho, qaleb l-affarijiet ta' taħt fuq għax qal li jekk nagħmlu dan, ma nkunux qegħdin verament nafdaw f'dak li l-Mulej qal: li jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu. Hija wegħda ta' Ġesù li mhux ser iħalli lill-Knisja mingħajr saċerdoti. Dan jagħtina ħafna fiduċja u tama, u jbiddel il-mod ta' kif inħossuna, bħala parti minn din is-sistema li taħdem u tistinka għall-Knisja, għall-vokazzjonijiet u għas-saċerdoti. Don Giovenale Dho kien dak li aktar tard kiteb l-ewwel steżura tar-*Ratio Fundamentalis*, id-dokument li fuqu nbiet il-formazzjoni fis-Seminarju fiż-żmien ta' wara l-Konċilju. Fi ftit kliem Don Giovenale Dho, qal li l-vokazzjonijiet isiru realtà jekk il-familja tkun tassew familja Nisranija, jekk il-*formators* jieħdu ħsieb tassew ikomplu jiffurmaw ruħhom u jieħdu bis-serjetà u b'responsabbiltà l-impenn tagħhom, jekk is-Sorijiet – fil-każ tagħna – jipprovdu ikel tajjeb b'tali mod li s-seminaristi ma jbatux mid-debulizza. Din l-idea ta' responsabbiltà maqsuma bejn kulħadd hija fundamentali, mhux biss għas-Seminarju tagħna imma anke għall-familji tagħna.

Ħafna drabi aħna, meta jkollna problema fil-familja, ngħidu: "għax kieku dak jagħmel hekk" jew "għax kieku dik tagħmel hekk". Faċli tgħid li r-responsabbiltà hija ta' dak jew ta' dik. Imma fil-fatt, huwa importanti li r-responsabbiltà nerfgħuha lkoll flimkien; biċċa mir-responsabbiltà trid iġġorrha int. Meta Ġesù, fil-Vanġelu jgħidilna: dak it-tifel iż-żgħir huwa importanti (Mt 18: 1-5), prattikament qed jgħidilna li kull bniedem għandu dinjità u għandu missjoni.

Ilkoll kemm aħna hawn ġew għandna missjoni; jien għandi missjoni, intom għandkom missjoni. Kull wieħed u waħda minna jrid jara sewwa x'inhi din il-missjoni u jipprova jwettaqha biex jgħin lill-Knisja u fil-każ tagħna lil dawn iż-żgħażagħ. Irridu nkunu għalihom l-ewwel u qabel kollox xhieda tal-persuna ta' Ġesù, biex imbagħad anke bil-ħajja u bil-kliem tagħhom, iwasslu l-Kelma lill-oħrajn. Jekk nirriflettu sewwa nindunaw li kull wieħed u kull waħda minna għandu s-sehem tiegħu f'din l-istorja. Ejjew nitolbu lill-Mulej ħalli kull wieħed u waħda minna jagħraf r-responsabbiltà tiegħu u jeħodha bis-serjetà. Is-superjur ma jgħidx: 'għax is-seminaristi', is-seminarista ma jgħidx: 'għax is-superjuri'... Faċli nitkellmu hekk: 'għax il-familji', 'għax is-Sorijiet', 'għax...'. Faċli ħafna, imma rrid nara jien personalment x'inhu s-sehem tiegħi. Naħseb li jekk kull wieħed u waħda minna nirraġunaw b'dan il-mod u naraw x'inhu s-sehem li għandna nagħtu, żgur li l-Mulej jagħmel ħwejjeġ kbar permezz tagħna.

✠ **Anton Teuma**
*Isqof ta' Għawdex*

Il-Komunità tas-Seminarju tawgura

*l-Milied u s-Sena t-Tajba*

lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha.

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Il-komunità tas-Seminarju reġgħet iltaqgħet wara l-vaganzi tas-Sajf għal sena oħra ta' formazzjoni nhar it-Tnejn 21 ta' Settembru.

It-Tlieta 22 ta' Settembru l-komunità tas-Seminarju marret is-Seminarju tal-Arċisqof f'Malta, fejn sar **l-irtir tal-bidu tas-sena** flimkien mal-komunità tas-seminaristi Maltin. L-irtir, li tmexxa minn Dun Fabio Attard SDB, intemm nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru.



Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ottubru ngħata **bidu uffiċjali għas-sena akkademika** permezz tal-quddiesa mmexxija minn Mons. Isqof Anton Teuma.

Nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru sar *seminar* dwar it-tema li se takkumpanja lill-komunità din is-sena: l-esperjenza tal-profeta Elija (1 Slat 19, 1-15). Dan tmexxa minn Dun Noel Debono.

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Missjunarja li bdiet nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru, is-seminaristi għamlu *video* qasir b'messaġġ għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji bit-tema; *Ninsabu fuq l-istess dgħajsa*. Nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru, is-seminaristi kellhom *video call* ma' Patri Victor Zammit MSSP, missjunarju ġewwa l-Perù, li matulha qasam l-esperjenza tiegħu fil-missjoni.



Nhar l-Erbgħa 28 ta' Novembru saret laqgħa ta' formazzjoni dwar il-ħidma tal-fondazzjoni Oasi u l-vizzju tad-droga minn Daniela Spiteri.

F'rabta max-xahar ta' Novembru, ix-*Xahar tal-Qaddisin*, il-komunità tas-Seminarju kellha serje ta' tliet laqgħat ma' sorijiet minn ordnijiet reliġjużi differenti. Il-laqgħa mas-sorijiet Karmelitani saret fit-12 ta' Novembru, dik mas-sorijiet Salesjani saret fil-? ta' Novembru u dik mas-sorijiet Dumnikani fis-26 ta' Novembru.

Nhar l-Erbgħa 4 ta' Novembru, festa ta' San Karlu Borromeo, s-Seminarju ċċelebra l-**154 anniversarju mill-ftuħ** tiegħu.

Nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru, l-ewwel Ħamis tax-xahar, il-komunità tas-Seminarju marret ġewwa il-Knisja Parrokkjali tal-Għasri u animat mument ta' adorazzjoni u l-quddiesa.



Nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru saret laqgħa ta' formazzjoni dwar l-impenn fil-ħajja pubblika minn Carmen Ogilvie-Galea u s-sur Eugene Bugeja.

Nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru, is-seminaristi flimkien mal-*formators* għamlu l-mixja magħrufa bħala **Lungo Passegio**, li ssir ta' kull sena. Din id-darba l-mixja saret mill-Imġarr sax-Xlendi.

Nhar is-Sibt 28 ta' Novembru ngħata bidu għal sena liturġika ġdida permezz tat-Tħabbira tal-Avvent li saret mir-Rettur.

Nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru, l-ewwel Ħamis tax-xahar, il-komunità tas-Seminarju marret ġewwa il-knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz għall-adorazzjoni u l-quddiesa.

Nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru, **s-seminarista Gabriel Vella** ġie mogħti **l-ministeru tal-akkolitat** mill-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma waqt quddiesa li saret fid-9.30am ġewwa l-knisja Parrokkjali tal-Qala.

**Attivitajiet tal-Milied**... fost dawn wieħed isemmi il-korrezzjoni fraterna komunitarja, it-tqassim tar-rigali, u l-quddiesa u festin tal-Milied flimkien mal-familjari tas-seminaristi.

# Il-Biblijoteka tas-Seminarju

## FIL-KOTBA ALLA JITKELLEM MAGĦNA

Darba, awtur kiteb li "biblijoteka tagħtik il-permess tissellef is-sbuħija u żżomm l-għerf". Dan inqisuh tassew bħala wieħed mill-għanijiet ta' bibljoteka: dak li twassal is-sbuħija u l-għerf sabiex tagħni lill-persuna. Iżda l-biblijoteka tas-Seminarju tagħna, li dan l-aħħar ingħatat l-isem ta' *"Bibliotheca Seminarii SS. Cordis Iesu Gaudisiensis"* (B.S.G.), mhix biblijoteka tas-soltu għaliex fil-qalba tagħha hemm ġabra ta' kotba tal-filosofija u t-teoloġija. Infatti, dawn jagħmluha biblijoteka filosofika u teoloġika li twassal is-sbuħija t'Alla eqreb lejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa tagħna. Forsi għalhekk ukoll li din il-biblijoteka hija mfittxija l-aktar minn saċerdoti u seminaristi. Dan bl-ebda mod ma jnaqqas mill-importanza li hi għandha għall-poplu inġenerali.

Fl-1864, Għawdex sar djoċesi għalih maqtugħ mill-gżira oħt ta' Malta. Kien f'din il-ħabta, fl-1866, li s-Seminarju Maġġuri t'Għawdex fetaħ il-bibien tiegħu għas-seminaristi mal-wasla tal-Ġiżwiti. Dawn tal-aħħar ingħataw l-inkarigu mill-ewwel Isqof ta' Għawdex, Mikiel Franġisk Buttigieg, biex ikunu responsabbli għall-formazzjoni tas-seminaristi – dawk li xtaqu jkunu s-saċerdoti futuri ta' din id-djoċesi li kienet għadha kemm inħolqot. Minn dakinhar 'il quddiem, hu magħruf li bdiet tinġabar kollezzjoni ta' kotba filosofiċi u teoloġiċi fis-Seminarju Maġġuri t'Għawdex. Eventwalment intgħażel ukoll post li llum jinsab fir-raba' sular tas-Seminarju Minuri, u fil-perjodu ta' bejn l-1972 u l-2006, meta Mons. Nikol Ġ. Cauchi kien Isqof t'Għawdex, il-kollezzjoni tal-kotba ġiet estiża ħafna.

Illum il-ġurnata din il-biblijoteka hija organizzata u maqsuma f'żewġ klassifikazzjonijiet prinċipali: il-*Universal Decimal Classification* (U.D.C.) li hi l-klassifikazzjoni użata madwar id-dinja kollha, u klassifikazzjoni oħra dettaljata fejn jidħlu t-taqsimiet tal-filosofija u t-teoloġija, li kienet ġiet ifformulata mill-Ġiżwita Dun Anthony Sapienza SJ. Barra mit-taqsimiet tal-filosofija u t-teoloġija, il-biblijoteka għandha taqsimiet oħra iżgħar, li għalkemm żgħar huma interessanti mmens. Fosthom hemm l-Arti Kristjana u l-Arkeoloġija, il-Liturġija, is-Soċjoloġija, l-Istorja tal-Knisja, il-Liġi Kanonika, kitbiet tal-Missirijiet tal-Knisja u dokumenti tal-Maġisteru. Fuq kollox, wieħed jista' jsib ukoll taqsima sħiħa ddedikata għad-dizzjunarji, l-enċiklopediji u l-perjodiċi. Barra minn dawn, fil-biblijoteka jinsab ukoll arkivju b'kollezzjoni ta' kotba u dokumenti antiki, li huma meqjusa interessanti ħafna, b'uħud minnhom uniċi għal Għawdex.

Iżda lil hinn mill-aspett storiku u tekniku, ta' min jgħid li bħalissa l-biblijoteka tas-Seminarju tagħna tinsab għaddejja minn tibdil konsiderevoli. Infatti, f'dak li għandu x'jaqsam mal-post innifsu tal-biblijoteka qiegħda ssir organizzazzjoni mill-ġdid tiegħu biex jiġi aktar immodernizzat. Dan biex dawk li jiffrekwentawha jkunu jistgħu jikkonsultaw il-kotba tagħna f'ambjent aktar sabiħ u b'servizzi mtejba. Barra dan, il-kollezzjoni tal-biblijoteka għaddejja minn reviżjoni b'mod li tkun aġġornata u allura tibqa' relevanti għar-realtà ta' żmienna. Fuq kollox, bdiet il-ħidma l-aktar importanti u li tinvolvi l-aktar xogħol biex il-biblijoteka tkun diġitalizzata. Dan ifisser li tkun provduta kollha onlajn biex hekk intejbu aktar l-aċċessibblità għall-kotba tagħna.

Nixtieq għalhekk, lilek li sibt il-ħin biex taqra dawn il-kelmtejn, nagħmillek stedina mhux biss biex tiġi u tara l-biblijoteka u l-kollezzjonijiet uniċi li jinsabu fl-arkivju, imma fuq kollox sabiex tiġi u taqra l-kotba tagħna għaliex kif jgħid San Ġilormu, il-patrun tal-bibljotekarji: "Meta nitolbu, aħna nitkellmu m'Alla; imma meta naqraw, Alla jitkellem magħna".

**Rev. Dun Joseph Attard**
*Biblijotekarju*

### Kont taf li fil-bibljoteka tas-Seminarju....

- Tinsab il-Bibbja bil-Malti miktuba fil-*Braille;*
- Hemm 25,000 ktieb u li din is-sena ser jiżdiedu magħhom 25,000 ktieb ieħor;
- Tinsab kollezzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta;
- Jinsabu dokumenti tal-Uffiċċju Metereoloġiku ta' Għawdex mill-1882 sal-1909;
- Jinsabu dokumenti antiki diġà sa mill-1600.

### ĦINIJIET TAL-FTUĦ

It-Tlieta bejn 15.30 - 18.00
Il-Ħamis bejn 09.00 - 12.00
Is-Sibt bejn 09.00 - 12.00

**Indirizz:** Rev. Dun Joseph Attard
Il-Librar
Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù
Triq Enrico Mizzi
Victoria VCT 2042
Għawdex, Malta

**Email:** *seminarylibrary@gozodiocese.org*
**Tel:** (+356) 21556479